**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Avviż Numru: 2/2018 BS**

**Bruma Limited**

**-vs-**

**Segretarju Permanenti Ministeru għall-Għawdex**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-avviz tas-socjeta' attrici**[1] li bih, wara li ppremettiet li hija kienet giet inkarigata mill-konvenut sabiex twettaq xoghol ta' konsulenza skont kuntratt ta' servizz ffirmat fit-2 ta' Marzu, 2017 u dan ghal-perijodu ta' sena b'effett mill-1 ta' Marzu, 2017 u versu l-kumpens pattwit ta' hdax-il elf u seba' mitt Euro (€11,700) eskluza l-VAT. Illi permezz ta' ittra datata l-24 ta' Lulju, 2017, l-intimat informa lis-socjeta' attrici li dak il-kuntratt kien qed jigi tterminat b'effett immedjat. Illi din it-terminazzjoni saret minghajr ebda raguni valida fil-ligi u ghalhekk huwa dovut lis-socjeta' attrici kumpens li ghandu jigi stabbilit fit-termini tal-artikolu 1640 tal-

[1] Fol 1 b'dokumenti annessi minn fol 2 sa 4.

Kodici Civili. Illi ghalkemm gie nterpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' dan l-ammont permezz ta' ittra ufficjali numru 523/2017, il-konvenut baqa' inadempjenti, anzi kkontesta t-talba tas-socjeta' attrici.

**Talbet għalhekk lil din il-Qorti sabiex:**

1. Tiddikjara t-terminazzjoni unilaterali da parti tal-konvenut tal-kuntratt ta' provvista ta' servizzi ffirmat bejn il-Ministeru ghall-Ghawdex u l-attrici fit-2 ta' Marzu, 2017 saret minghajr ebda gustifikazzjoni;
2. Konsegwentment tiddikjara li huwa dovut lill-attrici kumpens li ghandu jigi likwidat u kkalkolat fit-termini tal-artikolu 1640 tal-Kodici Civili;
3. Tillikwida l-ammont dovut lill-attrici;
4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dan il-kumpens flimkien mal-imghaxijiet ikkalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 523/2017 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.
Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali numru 523/2017.

Is-socjeta' attrici ddikjarat ukoll li ghal-finijiet ta' kompetenza s-somma li hija tqis li ghandha tithallas lilha ma' teccedix il-hamest'elef Euro (€5,000).

**Rat ir-risposta tal-konvenut[2] illi eċċepixxa:**

1. Illi in linea preliminari din il-Qorti hija nkompetenti li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza *'ratione materiae'*. Dan peress li din l-Onorabbli Qorti ma' ghandiex kompetenza sabiex tiddeciedi dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg in kwistjoni sarx gustament jew le u dwar l-allegat kumpens li hu dovut lis-socjeta' rikorrenti, stante li l-unika tribunal skond il-ligi tal-pajjiz li hu ntitolat li jaqta'

[2] A fol 8 sa 9.

kwistjonijiet dwar kumpens jew hlas wara t-terminazzjoni, u l-mertu u l-legittimita' ta' l-istess terminazzjoni, huwa biss it-Tribunal Industrijali;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jirrespingi kull allegazzjoni kif vantata mis-socjeta' rikorrenti bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi t-terminazzjoni tal-impjieg tas-socjeta' rikorrenti saret skond il-ligi, a bazi tal-ftehim li gie ffirmat bejn il-partijiet fit-2 ta' Marzu, 2017 u ghalhekk mhux dovut l-ebda kumpens u/jew imghaxijiet lill-istess socjeta';

4. Illi infatti t-terminazzjoni tal-ftehim saret a bazi tal-klawsola numru 5 tal-ftehim stante li l-oggettivi stipulati fil-klawsola numru 4 tal-ftehim ma' gewx miksuba mis-socjeta' rikorrenti u ghalhekk ix-xoghol tas-socjeta' rikorrenti ma' kienx wiehed sodisfacenti;

5. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' dan ir-rikors, l-esponenti qieghed bl-akbar rispett jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali numru 536/2017 kontra s-socjeta' rikorrenti.

**Fliet l-atti**.

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Marzu, 2021.

**Rat** il-kuntratt iffirmat mill-partijiet fit-2 ta' Marzu, 2017.[3]

[3] A fol 2 sa 4.

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2018 ġie konċess lill-partijiet jagħmlu nota dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-kompetenza.[4] Rat ukoll in-noti li segwew rigward din l-eċċezzjoni.[5]

**Rat** is-sentenza *in parte* ta' l-10 ta' Ottubru, 2018 li peremzz tagħha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari tal-kompetenza mqajma mil-konvenut.[6]

**Rat** li l-konvenut intavola appell minn din is-sentenza[7] liema appell ġie deċiż fl-24 ta' Mejju, 2019.[8] Il-Qorti ta' L-Appell (Kompetenza Inferjuri Għawdex), ċaħdet l-appell tal-konveut ġia appellant u ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem din il-Qorti sabiex tissokkta l-kawża.

**Rat** id-dokumenti esebiti ma' l-affidavits rispettivi tal-partijiet.

**Rat** li fis-17 ta' Lulju, 2020 is-soċjeta' attriċi ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq.[9]

**Rat** li fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2021 il-kawza tħalliet għal kontro-eżamijiet.[10]

**Rat** id-dokumenti eżebiti *seduta stante* fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju, 2021.[11] Rat ukoll l-ispjega rigward l-istess mogħtija fl-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2021.[12]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Semgħet u rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjonijiet** tal-abbli difensuri tal-partijiet u rat li l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.[13]

---

[4] Verbal a fol 12.
[5] Nota tal-konvenut a fol 15 sa 19 u tas-socjeta' attrici a fol 20 sa 23.
[6] A fol 24 sa fol 28.
[7] A fol 30 sa 38. Bir-risposta ghall-istess tas-socjeta' attrici a fol 39 sa 43.
[8] A fol 48 sa 53.
[9] Verbal a fol 87.
[10] Verbal a fol 96.
[11] A fol 105 sa 106.
[12] Verbal a fol 144.
[13] Verbal a fol 168; trattazzjonijiet tat-2 ta' Gunju, 2022.

**B. Provi – Xhieda:**

**Federica Brunini,** konsulenta, rappreżentanta tas-soċjeta′ attriċi, xehdet permezz ta′ affidavit bil-lingwa Ngliża.[14] Tgħid li hija l-unika direttriċi tas-soċjeta′ attrici Bruma Limited. Tgħid li l-operat ta′ l-attriċi huwa fir-relazzjonijiet pubbliċi u l-informazzjoni teknoloġika (*IT*). Tgħid li dan ix-xogħol isir minnha personalment. Tgħid li s-soċjeta′ attriċi ġiet ingaġġjata bħala konsulent fir-relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministru għal Għawdex, dakinhar Dr. Anton Refalo. Tgħid li bdiet taħdem fl-2016 u billi l-Ministru kien sodisfatt il-kuntratt iġġedded għal 2017. Iżżid li x-xogħol baqa′ għaddejj sal-ġurnata ta′ l-elezzjoni, ossia t-3 ta Ġunju, 2017. Tisħaq illi hija kellha anke skrivanija fil-Ministeru minn fejn setgħet twettaq xogħolha u kellha aċċess liberu għal din l-iskrivanija. Tgħid li kull xahar kienet tintalab tagħti rendikont ta′ xogħolha u li l-persuna li kienet tikkuntatjaha kienet Ms. Esther Bajada. Tkompli tgħid li qatt ma′ kien hemm ilmenti dwar ix-xogħol li kienet qed tagħmel. Tgħid li l-affarijiet inbidlu wara l-elezzjoni meta l-aċċess għal Ministeru u għal għodda li kienet taħdem bihom twaqqaf. Tgħid li spiċċat iżolata mill-impjegati tal-Ministeru u tħalliet fid-dlam. Tgħid li ma′ baqgħetx tiġi kkuntattjata dwar xogħol. Iżżid li minkejja dan kollu hija kompliet taħdem mid-dar u baqgħet tibgħat ir-rendikonti mensilment lil Ms. Esther Bajada. Tgħid li fuq talba tagħha iltaqgħet mall-Ministru Justyne Caruana fl-14 ta′ Lulju, 2017. Tkompli li qabel il-laqgħa hija bagħtet ir-rendikonti kollha elettronikament iżda dawn qatt ma ġew aċċessati (dan setgħet tikkonstatah b′funzjoni tas-sistema *WeTransfer*). Tisħaq illi l-istess rendikonti ħadithom magħha għal laqgħa. Tgħid li dawn ir-rendikonti kienu jagħtu stampa ċara tax-xogħol li kienet għamlet għal Ministeru, iżda fl-aħħar tal-laqgħa ġiet infurmata li s-servizzi tagħha ma′ kienux aktar meħtieġa. Tisħaq illi hija infurmathom li huma kellhom jonoraw il-kuntratt sad-data tat-terminazzjoni. Tgħid li anke issuġġeriet li jerġgħu jiltaqgħu iżda ma rċeviet l-ebda risposta u kien għalhekk li ntbagħtet ittra legali lil Ministeru. Tgħid li r-risposta tal-Ministeru kienet illi hija ma kenitx qed tissodisfa l-oġġettivi għas-sodisfazzjoni tal-Ministeru u għalhekk il-kuntratt kien qed jiġi terminat. Tgħid li reġgħet intbagħtet kommunikazzjoni sabiex tinstab soluzzjoni bonarja iżda billi din ma ħallietx ebda eżitu hija ġiet kostretta li tibgħat ittra uffiċjali. Tisħaq li sal-llum il-ġurnata għadha ma ġietx infurmata bir-raġuni għaliex ix-xogħol tagħha ġie kkunsidrat li ma jissodisfax l-oġġettivi tal-ftehim. Tippreżenta kopji tar-rendikonti tax-xogħol tagħha li kienet

[14] A fol 65 sa 65a.

tibgħat lil Ms. Esther Bajada kif ukoll ta' korrispondenza bl-email u ta' ittra legali.[15]

**John Borg**, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, xehed permezz ta' affidavit.[16] Huwa jikkonferma li l-ftehim bejn il-partijiet ġie ffirmat fit-2 ta' Marzu, 2017. Jgħid li skond dan il-ftehim is-soċjeta' attriċi kellha twettaq konsulenza għal erbgħin (40) siegħa f'perjodu ta' erba' (4) ġimgħat għal perjodu ta' tnejn u ħamsin (52) ġimgħa. Jgħid li dan ix-xogħol kellu jibda mill-1 ta' Marzu, 2017. Iżid li għoxrin siegħa kellhom jitwettqu direttament mill-uffiċju fil-Ministeru għal Għawdex mentri l-għoxrin siegħa l-oħra kellhom isiru remotament. Jgħid li minkejja dak miftiehem is-soċjeta' attriċi ma kienitx tagħmel għoxrin siegħa kull erba' ġimgħat xogħol mill-uffiċju fil-Ministeru. Jisħaq illi r-rendikonti ta' ħidma li kienet tibgħat Federica Brunini kienu jinkludu artikli li kienu jidhru f'rivisti u hi kienet tagħmilhom tagħha. Jisħaq illi meta Federica Brunini ġiet rinfaċċata b'dan ammettiet li l-artikoli ma' kitbithomx hi. Issostni illi laqgħat illi kienet tkun mistiedna tattendi mall-Ministru tat-Turiżmu kienu jiġu kkanċellati minn naħħa tagħha. Jissenjala wkoll li s-soċjeta' attriċi kellha kunflitt ta' nteress u dan ma' ddikjaratux bi ksur tal-kuntratt viġenti bejn il-partijiet. Ikompli jgħid li s-servizz mogħti mis-soċjeta' attriċi ma' kienx a sodisfazzjoni tal-Ministeru u kien għalhekk li ġie tterminat il-kuntratt permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju, 2017.[17] Jgħid li l-Ministeru setgħa' anke' jitlob li jitħallas lura l-flus li kien hareġ favur l-attriċi, pero' għażel biss it-triq tat-terminazzjoni. Jannetti kopji ta' diversi emails mibgħuta bejn il-partijiet relattivi għal artikoli u laqgħat msemmija qabel.

**In kontro eżami,[18]** rigward il-kunflitt ta' nteress, jgħid li Federica Brunini kellha kumpanija jisimha GoingGozo li kienet aġenzija ta' l-ivvjaġġar. Jgħid li filwaqt li Federica Brunini kienet qed tagħmel xogħol għal Ministeru hija kellha wkoll din l-aġenzija. Jgħid li l-Ministeru ħass li kien hemm kunflitt ta' nteress billi lil Ministeru kienet qed tagħtih konsulenza dwar turiżmu u fl-istess waqt Federica Brunini kellha aġenzija biex iġġib in-nies. Jgħid li l-kunflitt kien jeżisti waqt li l-kuntratt tagħhom mas-soċjeta' rikorrenti kien viġenti. Jissokta li meta ikkonfrontaw lil Federica Brunini hija ċaħdet li kien hemm kunflitt ta' nteress. Jgħid li dan seħħ

[15] Dokumenti annessi mal-affidavit a fol 66 sa 82.
[16] A fol 90 sa 91, b'dokumenti annessi a fol 92 sa 95.
[17] Kopja ta' l-ittra ezebita mal-affidavit tas-socjeta' attrici stess a fol 82.
[18] Seduta tas-17 ta' Gunju, 2021, a fol 108 sa 115.

f'Lulju, 2017. Jisħaq li l-kunflitt kien biss punt wieħed minn ħafna li huwa indika fl-affidavit tiegħu. Jisħaq ukoll illi qabel dan, sa Ġunju tal-2017, d-Direttur kienet issejjaħ laqgħat u Federica Brunini ma' kienitx tattendi.

**In ri-eżami,**[19] rigward għalfejn stennew sa' Lulju 2017 sabiex qajmu l-kwistjoni tal-kunflitt ta' nteress, jgħid li meta qalula b'dan Federica Brunini ċaħdet li hemm kunflitt.

**Esther Bajada,** li kienet tokkupa l-kariga ta' Direttur tat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, xehdet[20] illi skond il-kuntratt iffirmat mas-soċjeta' attriċi Federica Brunini kellha taħdem għoxrin (20) siegħa mill-uffiċċju fil-Ministeru għal Għawdex u għoxrin (20) siegħa remotament. Tgħid li Federica Brunini għal bidu kienet tagħmel madwar ħames (5) u tmien (8) siegħat fil-ġimgħa fl-uffiċju pero' imbagħad maż-żmien in-numru ta' siegħat li kienet tqatta fl-uffiċċju beda jonqos u kienet tidħol biss biex tħalli xi rapport jew tiġbor xi materjal promozzjonali. Tkompli li billi Brunini ma' kienitx tkun fl-uffiċċju l-komunikazzjoni magħha kienet issir permezz tat-telefon u ta' emails. Tgħid li l-kuntatt mad-direttorat kien naqas sew. Issostni li meta kienet tintalab tattendi għal laqgħat Federica Brunini kienet tinformaha li ma' tistax tattendi u kienet tagħtiha ħinijiet oħra alternattivi, li pero' wara kienet tinfurmahom li ma tistax tattendi xorta waħda. Tisħaq li da parti tagħha ma kienx ikun hemm dewmien fil-korrispondenza ma' Brunini fejn hija lil Brunini kienet tirrispondiha dakinhar stess jew massimu l-għada. Rigward ir-rendikont ta' kull xahar tgħid li Brunini kienet obbligata li kull xahar tippreżenta rapport ta' ħidma. Tissokta li kien ikun hemm artikoli mniżżla fir-rendikonti ta' Brunini li wara kien jirriżulta li kienu siltiet f'gazzetti u rivisti internazzjonali fejn jissemma Għawdex iżda ma' kienux miktuba minn Brunini. Tgħid li kien hemm okkazzjoni fejn vaganza personali tagħha Brunini niżlitha f'rapport bħala parti mil-ħidma tagħha għal-Ministeru. Tgħid ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn Brunini attendiet laqgħat bħala rappreżentanta tal-Ministeru għal Għawdex meta l-Ministeru ma' kienx qabbadha tmur. Tissokta li Brunini bdiet tmur oltre l-kuntratt. Tirreferi għal inċident fejn uffiċċjal tal-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta kien ġibed l-attenzjoni tax-xhud li Brunini marret titlob informazzjoni li l-Awtorita' ma' kienitx lesta tgħaddilha. Tgħid li dan ir-rappreżentant kien ċemplilha sabiex jara jekk

[19] A fol 115 sa 117.
[20] A fol 134 sa 141.

lil Brunini bagħtuhiex huma. Issostni li l-Ministeru ma' kienx talab lil Brunini ġġib dik l-informazzjoni (in kontro-eżami tgħid li ma' tiftakarx minn kien dan ir-rappreżentant). Tgħid li hija kienet tara nuqqasijiet anke fil-materjal prodott minn Brunini. Tgħid li Brunini kienet anke tellgħat ritratti fejn tidher hi pesonalment fuq bajja b'malja sabiex tirreklama lil Għawdex.

**In kontro-eżami**[21] tgħid li lil Brunini ma' kienux kitbulha dwar it-tħassib li kellu l-Ministeru rigward ritratti li kienet poġġiet fil-media fejn kienet tidher hi personalment. Rigward l-inċident ma' l-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta tgħid li ma hemm xejn bil-miktub. Tinsisti li kien sar impossibbli tiltaqa ma' Brunini għax jew kienet tgħid li ma' kienitx tista' jew kienet tikkanċella l-appuntamenti. Rigward l-iskrivanija ta' Brunini fil-Ministeru tiċħad li din ma kienitx aktar disponibbli għal Brunini. Tgħid li hija ma' kienitx involuta fid-deċiżjoni sabiex tiġi tterminata' Brunini. Tippreżenta kopja ta' varji emails skambjati bejnha u bejn Brunini.[22] **In kontinwazzjoni tal-kontro-eżami,**[23] tkompli tgħid li x-xogħol tagħha kien ukoll li jkollha relazzjoni diretta ma' Brunini u s-soċjeta' attriċi. Rigward il-ħinijiet li ħadmet Brunini tfisser li persuni li jaħdmu a bażi ta' kuntratt bħal ma' l-Ministeru kellu mas-soċjeta' attriċi ma' jiffirmawx attendenza. Tgħid li hija kienet tkun taf li Brunini ma' daħlitx għax-xogħol għax ma kienitx taraha fuq l-iskrivanija tagħha. Tisħaq li l-problema ma' Brunini ma kienitx għax ma kienitx tkun fl-uffiċċju fiżikament stante li x-xogħol tagħha ta' *blogger* setgħet tagħmlu minn fejn trid u kellha anke tkun barra tieħu ritratti u hekk. Tgħid li pero' il-kuntratt kien xorta jobbligaha tkun l-uffiċċju għal ċertu ammont ta' siegħat. Tgħid li dawn ma' kienitx tagħmilhom għax l-iskrivanija tagħha kienet tibqa' battala' u Brunini kienet tidħol biss tħalli xi affarijiet jekk le, kienet tibgħat l-emails. Tgħid li kien hemm żmien meta l-iskrivanija tagħha ttieħdet minn ħaddieħor pero' ma' tiftakarx jekk hux immedjatament wara l-elezzjoni tal-2017. Rigward l-emails tgħid li ħadd ma żamm log ta' l-emails skambjati la bejn il-partijiet u anqas bejn impjegati oħra. Lanqas ma nżamm log sabiex il-Ministeru jara li Brunini kienet ħadmet l-għoxrin (20) siegħa *off site* skond il-kuntratt. Tgħid li kollox kien mibni fuq il-fiduċja. Tisħaq illi aktar milli siegħat ta' xogħol il-Ministeru kien interessat fil-kwalita' tal-materjal li kienet tipproduċi Brunini. Rigward artikli li Brunini niżlet fir-rendikonti tax-xogħol bħala

---

[21] A fol 141 sa 143.
[22] A fol 118 sa 133.
[23] A fol 149 sa 163.

tagħha iżda mbagħad irriżulta li ma' kienitx ħejjithom hi, tgħid li dan Brunini ammettietu hi stess f'email. Tinsisti li kull meta Brunini ġiet offruta dati għal laqgħat din ma' kienitx taċċetta, kienet tgħid li ma' tistax jew tiġi lura b'dati oħrajn fejn kienet tkun impenjata hi (ix-xhud). Tgħid li kienet sitwazzjoni fejn qatt ma' setaw jaqblu fuq data u ħin. Tgħid li qatt ma wissew lil Brunini li jekk ma' tattendix għal laqgħa l-kuntratt kien ser jiġi terminat. Rigward is-soċjeta' Going Gozo tgħid li hi bħala direttur ma' għamlitx verifiki rigward minn huma l-azzjonisti tagħha. Tinsisti li hija ma' ipparteċipatx fid-deċiżjoni sabiex jiġi terminat il-kuntratt mas-soċjeta' attriċi.

## C. Ikkunsidrat:

Din hija kawża fejn is-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand il-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex, ħlas ħżċ'bhala kumpens li skont hi ghandu jigi likwidat ai termini tal-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, ghal dak li hija tqies bhala terminazzjoni unilaterali u ngusta tal-kuntratt ta' konsulenza ffirmat bejn il-partijiet ġnhar it-2 ta' Marzu, 2017. ħ' ż

Is-socjeta' attriċi tgħid li fl-24 ta' Lulju, 2017 il-konvenut bagħtilha ittra ċlegali li biha nfurmaha li l-kuntratt ta'' bejniethom kien qed jiġi terminat b'effett immedjat. Tisħaq illi din it-terminazjoni saret mingħajr ebda raġuni validaħħċĊ.

Tgħid li għalkemm hija nterpellat lill-konvenut sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u ħlas ta' dan il-kumpens, il-konvenut baqa'' inadempjenti u kien għalhekk li hija kienet kostretta tipproċedi kontrih b'din il-kawża li peermezz tagħha qed titlob lil Qorti sabiex tiddikjara t-terminazzjoni tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet nhar it-2 ta' Marzu, 2017 permezz ta'' l-ittra ta' l-24 ta' Lulju, 2017 hija mingħajr ġustifikazzjoni, tiddikjara għalhekk li s-socjeta' attriċi ħaqqha tieħu kumpens u konsegwentement tillikwida l-ammont dovut lilha mill-konvenut u tordnalu jħallas l-ammont hekk likwidat inkluż l-imgħax bit-8% mid-data ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 523/2017.

ċatċis-socjeta' attrici tiddikjara wkoll li ai fini ta'' kompetenza is-somma pretiża minnha ma' teċċedix il-€ 5000.

Il-konvenut minn naħħa tiegħu filwaqt li qajjem l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti, liema eċċezzjoni ġiet trattata u deċiża separatament, jgħid li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi għanddhom jiġu respinti kollha. Jisħaq illi t-terminazzjoni saret skond il-liġi, a bażi tal-ftehim iffirmat bejn l-istess partijiet, ai termini ta'l-klawsola numru hamsa (5) b'rizultat ta'ħ ksur ta'l-klawsola numru erbgha (4), u li għalhekk l-ebda ħlas ta' kumpens ma hu dovut.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi din il-kawża hija msejsa fuq l-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jrid hekk:

> **1640.** *(1) Min jagħti x-xogħol* ***jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda****.*
>
> *(2)* ***Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.***
>
> *(3)* ***Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol,*** *wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*
>
> *(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun tax-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*
>
> *(5)* ***Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, <u>b'kull mezz li jkun</u>, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti****.*

[Emfażi miżjuda]

Tenut kont ta' dan l-artikolu din il-Qorti tosserva li l-appaltant huwa dejjem liberu li jittermina l-impjieg mogħti lill-appaltatur, u dan meta jrid u anke jekk ikun inbeda x-xogħol[24] u dan billi jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċizjoni tiegħu li jittermina l-impjieg.[25]

Fil-każ de quo, l-appaltant, ossia l-Ministeru għal-Għawdex[26] kif rappreżentat mis-Segretarju Permanenti, iddeċieda li jittermina l-kuntratt li kellu mas-soċjeta' attriċi u wettaq din id-deċiżjoni permezz tal-ittra legali datata l-24 ta' Lulju, 2017[27]. Kif inhu magħruf, avviż bħal dak iservi biex iħoll minnufih il-kuntratt, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda konferma jew awtorizzazzjoni minn xi Qorti.

Wara li jinħall il-kuntratt tqum mbagħad il-kwistjoni ta' jekk it-terminazjzoni saritx għal raguni valida jew le. Ai termini ta' l-Artikolu 1640 (2) u (3)) huwa meħtieġ li jekk ma jkunx hemm raġuni valida, l-appaltant għandu jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti. Mill-banda l-oħra jekk ikun hemm raġuni valida, l-appaltant għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol.

Fil-każ preżenti, u mit-talbiet kif proposti mis-soċjeta' attriċi qua appaltatur, huwa ċar li s-soċjeta' attriċi m'għandha ebda pendenzi jew pretensjonijiet dwar xogħol magħmul mhux imħallas jew spejjeż mhux rifużi. Il-pretensjonijiet li fadlilha u li nterponiet fil-konfront tal-konvenut huma ta' danni pretiżi f'somma li skont is-soċjeta' attriċi għandha tiġi likwidata mil-Qorti minħabba t-terminazzjoni mingħajr raġuni valida ta' l-appalt.

Dan jingħad stante li huwa magħruf li meta l-appaltant jagħżel li jtemm qabel waqtu kuntratt ta' appalt u jagħti lill-appaltatur iż-żmien ta' avviż, ma tibqax aktar il-kwestjoni ta' jekk l-appalt intemmx jew le, imma biss jekk ir-raġuni li għaliha l-appaltant sejjisx l-għażla tiegħu kienitx waħda tajba jew le sabiex iħoll il-kuntratt. L-effett ta' għażla bħal din jiddetermina jekk l-appaltatur ikollux jedd jitlob danni minħabba l-għażla tal-appaltant.[28]

[24] Artikolu 1640(1) tal-Kap 16 Ligijiet ta Malta
[25] Artikolu 1640(5) tal-Kap 16 Ligijiet ta Malta
[26] kif jirrizulta mil-kuntratt tat-2 ta' Marzu, 2017 a fol 2 sa 3 tal-process
[27] ezebita' mis-socjeta' attrici nfisha a fol 82 tal-process.
[28] Ref: P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, fl-istess ittra legali li biha il-konvenut ittermina l-kuntratt tas-soċjeta' attriċi, ngħataw ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tat-terminazzjoni fejn ġie spjegat li l-kuntratt kien qed jiġi tterminat ai termini tal-klawsola numru ħamsa (5) jiġifieri in-nuqqas ta' adizzjoni da parti tas-soċjeta' attriċi a sodisfazzjon tal-Ministeru għal Għawdex mall-oġġettivi tal-klawsola numru erbgħa (4) ta' l-istess kuntratt.

Il-klawsola numru ħamsa (5) tal-kuntratt infatti taqra hekk:

*5. If any of the objectives set in clause 4 of this agreement is not achieved, the Ministry for Gozo may decide to terminate this agreement prior to the original termination date, upon written notice to Burma Ltd.*

Minn naħa l-oħra, il-klawsola numru erbgħa (4) tgħati biss eżempju tal-oġġettivi li kellhom jintleħqu mis-soċjeta' attriċi a sodisfazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u ma' tnissilx l-istess b'mod eżawrittiv.

Waqt il-ġbir tal-provi ġew allegati diversi nuqqasijiet da parti tas-soċjeta' attriċi meta mqabbla ma l-oġġettivi mistennija mil-konvenut, jew aħjar, mill-Ministeru għal Għawdex.

Dawn kienu jikkonsistu, *inter alia*, f'li:

i. is-soċjeta' attriċi ma kienitx qed tagħmel għoxrin (20) siegħa kull erba' (4) gimgħat xogħol mill-uffiċju fil-Ministeru;
ii. ir-rendikonti ta' ħidma li kienet tibgħat is-soċjeta' attriċi kienu jinkludu artikli pubbliċi li ma' kienux xogħol l-attriċi iżda kienu jiġu elenkati bħala xogħol tagħha;
iii. ir-rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi kienet tonqos milli tattendi għal-laqgħat imsejħa mill-Ministeru;
iv. is-soċjeta' attriċi kellha kunflitt ta' nteress li ma' kienitx iddikjarat;
v. is-servizz mogħti mis-soċjeta' attriċi ma' kienx a sodisfazzjoni tal-Ministeru;[29]
vi. ir-rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi kienet tmur oltre minn dak li kienet ikkuntrattata tagħmel u dan, mingħajr ma tiġi mitluba tagħmel dan mill-Ministeru;

---

[29] Rigward para. i sa v: ara x-xhieda ta' John Borg, Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex.

vii. ix-xogħol prodott mis-soċjeta attriċi ma' kienx tal-kwalita' mistennija;

viii. kien sar impossibbli għar-rappreżentanti tal-Minsiteru, inkluż id-Direttur li kellha tkun qed tissorvelja x-xogħol tas-soċjeta' attriċi, f'li jżommu appuntament mar-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi stante li din tal-ahhar kienet konsistentement tkun indisposta fil-ġranet u ħinijiet indikati u tindika ġranet jew ħinijiet alternattivi li ma' kienux miftuħa għall-Ministeru.[30]

Il-Qorti tosserva li dwar l-allegazzjonijiet magħmulha mill-konvenut u rappreżentanti tiegħu kif sintesiżżati fil-paragrafi ii, iii, u viii *supra* dawn jistaw jitqiesu pruvati lkoll permezz tal-varji emails prodotti in atti mil-konvenut li juru biċ-ċar id-diffikoltajiet kostanti li l-Ministeru u rappreżentanti tiegħu kellhom sabiex iżommu laqgħa mar-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi kif ukoll fihom hemm amissjoni skjetta da parti tas-soċjeta' attriċi li varji artikoli fuq rivisti u *websites* li hija ndikat bħala xogħol tagħha ma' kienux, fil-fatt, mħejjija minnha.[31]

Minn naħħa l-oħra, l-allegazzjonijiet l-oħra huma jew kompletament soġġettivi, bħal dawk fil-paragrafi v u vii, jew inkella mhux ipprovati a sodisfazzjoni tal-Qorti.

Minn imkien, per eżempju, ma' jirriżulta li nżamm xi rendikont rigward siegħat dedikati mir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi fl-uffiċju tal-Ministeru kif minnha rikjest ai termini tal-klawsola numru wieħed (1) tal-kuntratt anzi, ġie ammess minn rappreżentant tal-Ministeru li rendikont ta' siegħat ma' kienx jinżamm. L-istess jingħad rigward l-allegazzjoni tal-kunflitt ta' interess (għalkemm hawnhekk il-Qorti tissenjala li fl-opinjoni tagħha kien obbligu tas-soċjeta' attriċi li sa' mill-bidu tindika kwalunkwe' possibilita' ta' kunflitt imbagħad, semmai, kien ikun għal Ministeru jiddeċiedi kif jipproċedi – xi ħaġa li ma' jirriżultax li saret).[32] Intant, rigward dawk l-allegazzjonijiet li jridu li s-soċjeta' attriċi marret oltre dak li kellha tagħmel u, li jista wkoll jagħti l-każ li ħadet xi vantaġġ mill-posizzjoni li kienet tħaddan; hawnhekk il-Qorti tosserva li

[30] Ara x-xhieda ta' Esther Bajada, li dak iz-zmien kienet tokkupa l-kariga ta' Direttur tat-Turizmu u Zvilupp Ekonomiku fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, li tikkonferma dak maghdud minn John Borg filwaqt li zzid dak a para. vi sa viii.

[31] ara in partikolri l-email mibghuta minn Federica Brunini lill Esther Bajada nhar is-7 ta' Lulju, 2017 a fol 92 sa 93 tal-process).

[32] Ref: klawsola 7 tal-kuntratt.

xhieda jew provi mportanti, jekk mhux addirittura essenzjali rigward dan ma' ngħabux.

Ċio' nonostante, jirriżulta li b'email ta' nhar is-6 ta' Lulju, 2017 is-soċjeta' attriċi ġiet mitluba tikkjarifika ċertu aspetti mqajma *supra* bħala nuqqasijiet attribbwibbli lilha fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet tagħha ai termini tal-kuntratt. B'risposta tagħha tramite email mibgħuta l-għada stess, is-soċjeta' attriċi tat spjega fejn, *inter alia,* ammettiet li xi artikoli imniżżla minnha fir-rendikont ta' xogħol tagħha u allura rappurtati bħala xogħol magħmul minnha għall-konvenut ma' kienx fil-fatt xogħol tagħha. Kien wara dan li segwiet l-ittra tal-24 ta' Lulju, 2017 li tterminat il-kuntratt tas-soċjeta' attriċi.

Il-Qorti ttenni illi sabiex jitqies jekk is-soċjeta' attriċi jistħoqqilhiex tingħata kumpens il-kriterju ewlieni u determinanti huwa jekk il-konvenut kellux raġuni tajba jew le biex iħoll il-kuntratt. Kemm il-raġuni kien hemm jew jekk kull raġuni li ssemmiet ġietx ippruvata m'hijiex l-essenza tal-prova.

Huwa biss wara li ssir din l-indaġni li jista' jiġi stabbilit liema effett maħsub mil-ligi jsegwi dik l-għażla.

Fid-deċizjoni mogħtija nhar it-28 ta' Lulju, 2004 fl-ismijiet ***Alcasons & Company Limited noe vs Tigne Development Company Limited et,***[33] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkonstatat:

*Meta l-ligi ssemmi "raguni valida" wiehed irid jifhem din il-frazi fid-dawl tal-imgieba tal-appaltatur waqt l-ezekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raguni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas taghha) tieghu taht il-kuntratt tal-appalt.*

*"Raguni tajba", ghall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodici Civili ma tistax tinftiehem bhala "tajba ghall-appaltant ghax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jgibu fix-xejn id-dispozizzjonijiet ohrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur [...]*

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti u b'żieda ma' dak li ngħad qabel, irid jingħad li mill-assjem tal-provi l-Qorti ma' tistax ma' taqbilx li kien hemm nuqqasijiet minn naħħa tas-soċjeta' attriċi li allura jammontaw

[33] Rik. Gur. Nru. 1425/1999/1JRM.

għal raġuni valida li waslu għat-terminazzjoni tal-kuntratt mill-konvenut. Dawn in-nuqqasijiet jolqtu mhux biss il-klawsoli numri erbgħa (4) u ħamsa (5) tal-kuntratt relattivi għax-xogħol li kien mistenni mill-appaltatur iżda wkoll dik numru erbatax (14) relattivament għal nuqqasijiet attribwibbli lill-appaltatur fejn din addirittura m'għamlitx ruħha disponibbli mqar sabiex tiltaqa' mall-appaltant meta mitluba hekk tagħmel.

Il-Qorti tasal għalhekk sabiex issib li l-konvenut kellu raġuni tajba meta għażel li jtemm l-appalt li kien ingħata lis-soċjeta' attriċi u allura m'hemmx raġuni għal kumpens lis-soċjeta' attriċi.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u il-motivi ġia espressi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tas-sentenza in parte tal-10 ta' Ottubru, 2018, tas-sentenza ta' l-appell tal-24 ta' Mejju, 2019, u tal-ittra uffiċjali numru 536/2017 jkunu a karigu tas-soċjeta' attriċi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Magistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur